**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta 19 ta' Mejju, 2016.

Talba numru: 804/2012AM3

Numru fuq il-Lista: 28

**Michelle Debono (396170M)**

**31/10, Triq Borg Olivier,**

**San Giljan**

**Vs**

**Jendrik u Charmaine konjugi Cucciardi**

**Block B, Flat 5, Wignacourt Buildings, Pjazza Alofju Wignacourt,**

**Zabbar**

**It-Tribunal**

Ra t-talba tal-attrici li permezz taghha talbet lil dan it-tribunal jikkundanna lilll-intimatI jhalsuha s-somma ta' elf u erbat mitt ewro (€1,400) bhala danni sofferti minnha meta l-kelb tal-intimati laqghat flixkun tal-litru tas-Seven Up fuq l-laptop, xarbu ghasra b'dan li l-laptop gie rovinat darba ghal dejjem.

Ra ir-risposta tal-intimati li permezz taghha eccepew li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk huma respinti mill-konvenuti.

Ra l-affidvit tal-attrici a fol 12 et li permezz tieghu spjegat kif gara l-kaz u kif meta marret biex isewwi l-laptop taghha fi Brighton fejn tghix infurmawha li trid seba` mitt lira sterlina (Stg700) u li ma setgha jaghtiha ebda garanzija wara li ssir it-tiwsija u ghalhekk ma kienx jaghmel sens li ssewwi b'seba` mitt lira sterlina (Stg700) meta gdid l-laptop jiswa ftit iktar minn elf lira sterlina (Stg1,000) li skont hi huma ekwivalenti ghal elf u erba mitt ewro (€1,400). Tghid li l-konvenuti kienu serhulha rasha li meta tirritorna Malta kienu ser ihallsuha izda ma sarx dan u kellha taghmel din l-kawza.

Ra d-dokumenti prezentati mill-attrici a fol 35 et a fol 48 et,

Ra l-kontro-ezami tal-attrici a fol 44, li cahdet li kienet hi li tellghet l-kelb fuq l-mejda izda kkonfermat li l-konvenut kien issugerilha li thalli l-laptop biex jara kif jirrimedja l-hsara izda hija haditu maghha biex l-laptop ma jigix 'tempered with' pero tal-Apple barra minn Malta qalulha li kien hemm sticky liquid go fih li allura ma setghax jigi msewwi. Cahdet ukoll li hija bieghet l-laptop l-Ingilterra f'car booth sale u tghid li ramietu. Tghid li l-konvenuti kienu pproponew li jhallsuha tieghu jekk ma jkunx jista jissewwa.

Ra x-xhieda tal-konvenut Jendrick Cucciardi a fol 16 et li spjega li kienet l-attrici li tellghet l-kelba fuq l-mejda u din laqtet flixkun tal-luminata u din il-luminata waqghet ghal fuq l-computer. Xehed li offra lill-attrici biex tghaddilu l-laptop sabiex jaghmel l-verifiki tieghu dwar xi hsara kien fih u ma kienx fih u mbaghad kien ikun dispost li jhallasha tieghu, talabha wkoll l-ircevuta sabiex ikun jista jiehu s-serial number izda xejn minn dan ma sar ghax sar jaf li l-attrici bieghet l-laptop f'car boot sale. Xehed li kien ha l-laptop ghandu habib tieghu li llum jahdem mal-Apple barra minn Malta u dan qallu li l-laptop jista jissewwa u li ma kienx hemm spejjez kbar sabiex jissewwa izda l-attrici ma riditx li jissewwa ghax bezghet li mhux ser tafda izjed l-computer. Veru li wara ghamel polza tal-assikurazzjoni tal-kontenut tad-dar tieghu u li tal-assikurazzjoni qalulu li l-incident tal-laptop ma kienx kopert bl-assikurazzjoni.

Ra x-xhieda tal-konvenuta Charmaine Cucciardi a fol 54 et li kienet l-attrici li tellghet l-kelba fuq l-mejda, li l-kelba ma kienetx imdorrija li titla fuq l-mejda tal-ikel u in segwitu ghal dan l-kelba ippanikjat u qalbet l-flixkun tal-Isprite. Prezenti kien hemm ukoll Mark Briffa u James Gatt u persuna ohra li waslet wara certu Mark Pelicano. Tghid li zewgha ha l-laptop ghand persuna li jifhem u qallu li l-laptop setgha jittranga izda l-attrici talbithom l-laptop lura. Xehdet li hija u zewgha qatt ma accettaw responsabilita` ghal dan l-incident.

A fol 72 in kontro-ezammi Cucciardi xehed li ir-raguni tal-polza tal-assikurazzjoni ma kienx biex igibu l-flus tal-laptop izda ikkonferma l-kontenut tal-messagg li baghet hija a fol 49 u li

jghid li l-polza tal-assigurazzjoni haduha sabiex ikunu jistghu jaghmlu dan l-claim, u li dan baghtitu in kuntest ta' hbiberija u li l-messagg baghtitu fi zmien meta kien hemm sens ta' paniku u li lill-assigurazzjoni infurmathom li l-incident gara qabel saret il-polza. Tammetti wkoll li veru li zewgha kien jghid lill-attrici 'imbaghad nirrangaw' u li zewgha pprova jirrimedja l-hsara l-ghada stess tal-incident.

Ra x-xhieda ta' James Gatt a fol 65 li xehed li l-kelba hija zghira Yorkshire Terrier u li ma jafx min tella' l-kelba fuq l-mejda.

Ra x-xhieda ta' Mark Pellicano a fol 67 et li meta wasal huwa fir-residenza tal-konvenuti l-incident kien diga sehh u li ra l-konvenut imur igib xi ghodda sabiex jipprova jirranga dan l-laptop.

Ra d-dokumenti mressqa mill-konvenuti a fol 75 et,

Ra l-verbal tas-seduta tal-04 ta' Frar 2016 li fih l-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi u li xtaqu jaghmlu nota.

Ra n-nota tal-osservazzjonijiet tal-intimati u li l-attrici naqset li tipprezenta n-nota taghha.

Ikkunsidra,

F'din l-kawza l-attrici qed titlob l-hlas ta' elf u erba` mitt ewro (€1,400) bhala danni li soffriet fil-laptop taghha meta l-kelb tal-intimati tela' fuq il-mejda u qaleb flixkun tal-litru tas-Seven Up jew Sprite u xarrab ghasra dan l-laptop.

L-attrici tghid li l-kelb tellghu fuq l-mejda l-konvenut filwaqt li l-konvenuti jghidu li l-attrici tellghatu fuq l-mejda u dan ppanikja u tajjar dan l-flixkun tal-luminata.

Illi biex iwaqqghu l-presunzjoni tal-htja, l-konvenuti ghandhom jipprovaw l-konkors ta' zewg cirkostanzi: (1) l-accident bhala l-kawza tal-hsara; u (2) in-nuqqas ta' htija da parti tieghu bhala kawza mmedjata u mmedjata tal-hsarat. (**vide Carmelo Muscat et vs Carmelo Agius Qorti tal-Appell datata 14 ta' Jannar, 1939)**

**"***In linea ta' principju jinsab enuncjat li "hu prexxindibilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita' bejn l-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza* **(kollez Vol. XLIV P 1 p343).**

Dwar il-colpa jew responsabilita`, fil-kawza **"Cassone vs Calamatta deciza 29 ta' Frar, 2008 Qorti tal-Appell, per Prim Imhallef S Camilleri** saru dawn l-osservazzjonijiet fir-rigward**:**

**"***Id-dottrina legali taghti diversi definizzjonijiet ta' culpa; Carrara (Parte Generale Vol. 1 para 80) jghid hekk:*

*"Si mutino come piace le formule, ma il tripode sul quale si aside la colpa sara' sempre questo (1) volontarieta dell'atto (2) mancata previsone dell'effetto nocivo (3) possibility adi prevedere" u fil-paragrafu 83 dan l-awtur jirribadixxi hekk: "…la essenza della colpa sta tutta nella prevedibbilita".*

Il-prevedibbilita` trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi jew inverosimili u biex jissussisti dan l-att kolpuz minhabba mprudenza jew nuqqas ta' diligenza jrid ikun hemm il-prevedibbilita` tal-event dannuz "prevedibilita" li trid tkun ta' probabilitajiet regjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili." (**Kollez Vol XLVIII.i.258**). Hu spjegat mill-awturi illi "*negligenza, infatti, altro non e' se non assenza di diligenza, imprudenza e' Intesa come assenza di cautele; imperizia comme assenza di competenza professionale o come assenza di avvertenza*. " (**ara Alpa "La Responsabilita Civili" Trattato di Diritto Civile, Milano 1999 p 261 u Franzoni "Le Obbligazioni da Fatto Illecito" Ed. Utet. 2004 p. 42.**

Mill-atti jirrizulta li l-flixkun tal-luminata kien fuq l-mejda qabel ma l-kelb ittellgha fuq il-mejda; li l-laptop kien fuq l-mejda qabel ma l-kelb ittelgha fuq l-medja; u li l-partijiet kienu kollha prezenti meta l-kelba ittellghat fuq il-mejda. Hemm konflitt ta' provi dwar min tellgha l-kelba fuq l-mejda u dan it-Tribunal ma jistghax jasal biex jistablixxi x'gara effettivament cioe jekk kienetx l-attrici li tellghet il-kelba fuq il-mejda kif qed jikkontendu l-konvenuti jew kienux l-konvenuti li ghamlu dan kif qed tikkontendi l-attrici.

Pero dan it-Tribunal ma ghandux dubju li kull wahda mill-partijiet f'din l-kawza ghandha responsabilita` tal-incidenti stante li kollha kemm huma setghu jipprevedu dak li seta' jigri meta l-kelba kienet fuq il-mejda u cioe li l-kelba setghat taqleb il-flixkun tal-luminata u taghmel hsara lil laptop. Kien min kien li tellgha l-kelba fuq il-mejda fejn kien hemm il-laptop tal-attrici u lanqas hadd mill-konvenuti ma ha passi biex jippreveni dan l-incident, liema ncident setgha jigi evitat bi ftit sens komun. Il-hsara fil-laptop saret u l-istima tieghu ma gietx kontradetta mill-konvenuti.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jiddikjara li l-partijiet huma kollha responsabbli ghal dan l-incidenti kwantu ghal nofs kull parti u ghalhekk jordna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici s-somma ta' seba` mitt ewro (€700) u nofs l-ispejjez ta' din l-kawza, u l-ispejjez kollha inkluzi tal-ittra interpellatorja tal-24 ta' Ottubru, 2012, bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

**Av Anna Mallia**

**Gudikatur**